Qort tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri – Ghawdex)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Il-Gimgha, 8 ta' Lulju 2016.

Appell numru 2/2016

**Go plc** **(appellata)**

**Vs**

**Josephine Cachia** **(appellanti)**

1. L-attrici harrket lill-konvenuta ghas-somma ta' tliet mija u disgha u erbghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€349.46) in konnessjoni ma' Bundle Service.

2. Il-konvenuta opponiet it-talba billi eccepiet li l-azzjoni hi preskritta (Art. 2148(b) tal-Kodici Civili) u li l-ammont mhuwiex dovut.

3. B'sentenza tat-28 ta' April 2016, it-Tribunal laqa' t-talba tal-attrici u kkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' €349.46.

4. Il-konvenuta appellat, u l-aggravji huma:

   i. Is-socjeta' appellata naqset milli tressaq provi sufficjenti in sostenn tat-tezi taghha u t-Tribunal ghamel apprezzament tal-provi hazin. Inoltre, t-Tribunal skarta ghal kollox il-verzjoni tal-appellanti.
   ii. L-azzjoni hi ntempestiva ghaliex l-appellanti qatt ma giet interpellata qabel ipprezentat il-kawza.

5. L-appellata wiegbet li:

   i. L-appell hu null ghaliex l-appellata ma segwitx il-procedura kontemplata fl-Artikolu 9(2a) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380).
   ii. L-appell hu null ghaliex l-aggravji m'humiex dawk li dwarhom l-appellanti ghandha jedd tappella dwarhom skont l-Artikolu 8 tal-Kap. 380.
   iii. Fil-meritu d-decizjoni hi gustifikata.

6. Mir-rikors tal-appell jirrizulta li l-appellanti m'appellatx minn dik il-parti tas-sentenza li cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Tant hu hekk li fir-rikors talbet lill-qorti sabiex *"(a) tikkonfermaha in kwantu cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellanta"*

7. B'referenza ghall-ewwel eccezzjoni, ghalkemm l-Artikolu 9(2)(a) jipprovdi li *"izda jekk parti tixtieq tappella mid-decizjoni, ghandu jinghata avviz dwar dan lill-gudikatur meta tinghata d-decizjoni,"* m'hemmx provvediment li jghid li fin-nuqqas l-appell hu null jew li l-parti li trid tappella ma jkollhiex jedd tappell. Il-qorti tistqarr li ma tifhimx x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur li jintroduci dan il-provvediment, meta l-ligi taghti lit-tellief ghoxrin (20) jum mis-sentenza sabiex isir appell mis-sentenza tat-Tribunal. Din l-eccezzjoni hi michuda.

8. B'referenza ghat-tieni eccezzjoni, m'hemmx dubju li l-appell tal-appellanti mhu xejn ghajr kontestazzjoni tal-apprezzament tal-provi. Mis-sentenza jirrizulta li t-Tribunal ikkunsidra l-provi li ressqu l-partijiet u kkonkluda li n-numru tal-kont li jirreferi ghalih il-kuntratt li ffirmat l-appellanti fis-16 ta' Ottubru 2009 (fol. 4) kien jaqbel man-numru tal-kont li jidher fir-rendikont (fol. 7 u 8)[1]. Ghalkemm l-appellanti xehdet li ghall-ahhar tas-sena 2010 kienet, permezz tat-telefon, infurmat lill-attrici biex taqta' s-servizz, il-qorti ma temminx din il-verzjoni. Mhuwiex verosimili li s-socjeta' attrici taccetta li taqta' s-servizz li kellha l-appellanti b'semplici telefonata, u dan meta l-kuntratt gie ffirmat fis-16 ta' Ottubru 2009 ghall-perjodu ta' sentejn li kienu ghadhom ma skadewx. Fuq il-kont jirrizulta li l-ahhar pagament kien sar fl-1 ta' Marzu 2011 fl-ammont ta' €26.93 (fol. 8). L-appellanti xehedet: *"Fl-ewwel (1) ta' Marzu tal-elfejn u hdax (2011), jista' jkun li ghamilt hlas akkont. Jekk ghamiltu kien ta' xi kont qabel."* Din mhijiex il-verita', ghaliex is-somma ta' €26.93 tirreferi ghall-kont datat 1 ta' Frar 2011 li jkopri l-perjodu mill-10 ta' Frar 2011 sat-28 ta' Frar 2011. Dan apparti li gialadarba l-appellanti ma tatx prova li waslet fi ftehim mas-socjeta' attrici biex il-kuntratt jigi tterminat qabel iz-zmien u fil-fatt jirrizulta li s-servizz baqa' jintuza, l-appellanti baqghet responsabbli ghall-kontijiet irrispettivament minn min kien qieghed jaghmel uzu mis-servizz.

9. F'kull kaz peress li l-ammont pretiz hu €349.46, skont l-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380 appell seta' jsir biss fuq:

   (a) Kull haga li jkollha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;
   (b) Kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;
   (c) Kull nuqqas ta' tharis tad-disposizzjon tal-Artikolu 7(2);
   (d) Meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalita' u l-ekwita' skont il-ligi u l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

[1] Mir-rendikont jirrizulta l-hlas li ghadu dovut.

M'hemmx jedd ta' appell minn punt ta' fatt. Dan apparti li bit-tieni aggravju l-appellanti qeghdha tipprova tissolleva eccezzjoni li qatt ma nghatat quddiem it-Tribunal u f'kull kaz saret jew ma saritx l-interpellazzjoni[2] ma kinitx ser taghmel differenza ghaliex il-konvenuta kkontestat il-pretensjoni tal-appellata.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-appellata.**

2. **Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-appellata u tiddikjara l-appell null**.

**M'hemmx provvediment x'jinghata dwar l-ispejjez gialadarba l-appellanti kienet bl-ghajnuna legali**.

(ft.) Anthony Ellul

Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb

D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

[2] Fatt mhux maghruf gialadarba m'hemmx provi dwar dan.